**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 30 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Rebecca Theuma**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Rebecca Theuma, iben David u Lorraine *nee'* Azzopardi, mwielda tal-Pieta', nhar is-26 ta' April, 1991, residenti gewwa 4, Triq il-Kappella ta' Xaghara, n-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 231391M, senjatament akkuzat talli fid-19 ta' Frar, 2022, u fix-xhur ta' qabel din id-data importat jew offriet li timporta medicina psikotropika u ristretta (Psilocybin) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza

dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2022, l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, liema ammissjoni hija tenniet wara li nghatat bizzejjed zmien sabiex tirrikunsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha mill-prosekuzzjoni giet pruvata skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata, il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni bikrija, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Ligi Sussidjarja 31.18 u l-artikoli 40A; 120A(1)(a), (e) u (2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputata **Rebecca Theuma** hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u konsegwentament qed tikkundanaha ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 650.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur